MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2013

Numru. 537/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Zoran Korac**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Zoran Korac ta' dsatax-il (19) sena, bin Goran u Zorika neè Tosunovic, imwieled fil-21 ta' Gunju 1993 gewwa s-Serbia u residenti 144, Sundream Flats, Flt.1, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, detentur ta' passaport Serb bin-numru 009419354, talli bejn is-17 u t-18 ta' Mejju 2013 gewwa Swieqi:

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn gewwa residenza 111, 'Blessings', Triq is-Siegh, Swieqi, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont

ta' €2,329.37, bil-lok u bil-hin ghad-detriment ta' Nicholas Darmanin Demajo u / jew persuna jew persuni ohra; u

2. Aktar talli fit-30 ta' Mejju 2013 u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-gzejjer, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistata b'reat, u/ jew xjentement b'kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament il-fedina penali ta' l-imputat markata Dok. "JG1" u l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat markati Dok. "JG3" u Dok. "JG4" u rat l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti issib lill-istess imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-gravita' tar-reati izda hadet ukoll in konsiderazzjoni wkoll ic-cirkostanzi li wasslu lill-imputat biex iwettaq ir-reati in kwistjoni, il-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija, li rregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u li ghandu fedina penali netta. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li hemm process pendenti biex l-imputat jintbaghat lura s-Serbja.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 31, 261(b),(c),(e) u (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(3) u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu, tikkundannah ghal perijodu ta’ sentejn (2) prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tissospendi t-terminu ta’ sentejn (2) xhur prigunerija ghal erba’ (4) snin b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------